**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 248/2020VG**

**Wara l-Ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1714/2020 intavolat fit-30 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet:**

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited**

**Vs**

**Mark Anthony Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Mark Anthony Portelli fil-15 ta' Diċembru 2020 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti: (1) tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1714/2020 fl-ismijiet "E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited v. Mark Anthony Portelli" stante li ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti legali għall-ħruġ ta' dan il-Mandat u dana billi jirriżulta li huwa ma huwiex debitur tas-sekwestranti u l-oriġini u n-natura tad-dejn kif indikati ma jissussistux, u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1714/2020 fl-ismijiet premessi stante li l-ammont mitlub ma huwiex ġustifikat *prima facie*, ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1714/2020 fl-ismijiet premessi stante li fiċ-ċirkostanzi, ma huwiex raġjonevoli li l-Mandat *de quo* jinżamm fis-seħħ, u lanqas ma huwa ġustifikat, ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) tiddikjara li l-Mandat in kwistjoni inħareġ fil-konfront tiegħu b'mod malizzjuz, frivolu u vessatorju; (5) konsegwentement, tikkundanna lis-sekwestranti biex tħallas penali favur tiegħu, li għandha tiġi likwidata fid-diskrezzjoni tal-Qorti entro il-parametri li tagħti l-Liġi, ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; bl-ispejjeż, inkluż tan-notifiki lis-sekwestratarji kollha, kontra s-sekwestranti u b'riserva ċara ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lilu;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 4 sa' 9 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited permezz ta' liema topponi għat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra

tiegħu, stante li essenzjalment l-azzjoni da parte tar-Rikorrent ma hija xejn għajr tentattiv da parte tiegħu sabiex jeħles mill-effetti ta' proċeduri ġudizzjarji u biex jiġu kawtelati l-pretensjonijiet tagħha. Il-Qrati nostrali diversi drabi rritenew li l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti f'kuntest ta' proċeduri għar-revoka ta' Mandati Kawtelatorji huwa wieħed *prima facie* peress li l-mertu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja. Ir-Rikorrent jibbaża t-talbiet tiegħu fuq l-allegazzjoni li d-dejn hu dovut mis-soċjetà tiegħu u mhux minnu personalment, allegazzjoni din li tista' tkun mossa biex id-dejn jibqa' ma jitħallasx u meta wieħed jasal għall-proċeduri bħal dawk odjerni jiġi eċċepit li ma huwiex il-leġittimu kontradittur - tali aġir ma għandux jiġi permess peress illi jkun abbuż tas-sistema ġudizzjarja. Ir-Rikorrent ma ta l-ebda raġuni tajba biex jitħassar il-Mandat in kwistjoni, kif minnu rikjest kemm mill-Liġi u kkonfermat mill-Qrati nostrali. Ir-Rikorrent lanqas ma ġab prova li huwa qed isofri xi danni u li dawn huma riżultat dirett tal-ħruġ fil-konfront tiegħu tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in eżami u lanqas ma ġab prova li l-Mandat in kwistjoni huwa eċċessiv, abbużiv, grossolan, vessatorju jew fittizju;

Rat li b'Digriet datat 16 ta' Diċembru 2020, ir-Rikors ġie appuntat għas-smigħ għad-29 ta' Diċembru 2020 fid-9:30a.m., liema seduta però ma setgħetx tinżamm minħabba indisposizzjoni tar-Rikorrent u b'hekk ġiet iffissata seduta oħra għall-11 ta' Jannar 2021;

Rat li ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju bin-Numru 1714/2020, sabiex dan jifforma parti mill-atti ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda tar-Rikorrent, ta' Mario Duca u ta' Mario Cutajar, entrambe in rappreżentanza tas-soċjetà Intimata, ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1714/2020 fl-ismijiet "E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited v. Mark Anthony Portelli" għar-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 836(1)(b)(d)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmija provvedimenti tal-Liġi jipprovdu li: *mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: … (b) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ ta' l-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti; … (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; … (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

L-affermazzjoni li tifforma l-bażi tal-pretensjonijiet u konsegwenti talbiet tar-Rikorrent għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1714/2020 hija li huwa ma huwiex id-debitur tas-soċjetà Intimata u b'hekk ma huwiex il-leġittimu kontradittur tagħha. Fir-Rikors promotur ir-Rikorrenti jippremetti li *kuntrarjament għal dak asserit fil-Mandat de quo, l-esponenti ma hux debitur tas-sekwestrant u lanqas ma huwa l-leġittimu kontradittur tiegħu. Illi il-leġittimu kontradittur tas-sekwestrant hija s-soċjetà Portem Brew & Leisure Ventures Ltd., u dan kif jirriżulta mill-istatement relattiv maħruġ mis-sekwestrant* - Dok. "A" anness mar-Rikors promotur. *Illi l-esponenti huwa biss id-direttur tas-soċjetà Portem Brew & Leisure Ventures Ltd. u dan kif jirriżulta mill-estratt meħud mis-sit elettroniku tal-Malta Business Registry* - Dok. "B" anness mar-Rikors promotur. *Illi l-esponenti, personalment ma għamel ebda ordinijiet mis-sekwestrant u ċertament ma jistax jitqies la klijent u wisq anqas debitur tiegħu.*

Ir-Rikorrent irribadixxa l-posizzjoni tiegħu fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021. Għall-mistoqsija *fil-mument li sar l-ordni minn E.C.B. ... min effettivament għamel trading ma' l-E.C.B.?* ir-Rikorrent wieġeb *Portem Brew & Leisure Ventures. ... Mingħalija ordna xi fridges tal-bar ...* [biex] *jitpoġġew f'Larry's Bistro, Strait Street.* Għall-mistoqsija *bħala persuna fiżika, bejn Portem u E.C.B. min kienu n-nies li għamlu deal ma' xulxin?* ir-Rikorrent wieġeb *jekk mhux sejjer żball, dak iż-żmien kien hemm impjegat jismu Chris Dalli li kien il-Project Manager fuq il-proġett u kien jaħdem mal-kumpanija Portem Brew u ovvjament jiena bħala direttur tal-kumpanija wkoll.* Għall-mistoqsija ulterjuri *meta fiżikament kellimt lin-nies ta' l-E.C.B., kif irrappreżentajt ruħek?* huwa wieġeb *ovvjament il-kumpanija li kienet topera l-establishment ... Portem Brew Leisure Ventures Ltd.* u għall-mistoqsija *tista' tgħid lill-Qorti, inti Mark Anthony Portelli personalment, x'ordnajt mingħand l-E.C.B.?* ir-Rikorrent wieġeb *personalment jiena m'ordnajt xejn mingħand l-E.C.B.*

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li fi kwalunkwe każ u anke mid-dokumenti annessi mar-Rikors promotur jirriżulta li l-ammont pretiż mis-soċjetà Intimata huwa eċċessiv. Fir-rigward fir-Rikors promotur jippremetti li *kopja ta' l-ittra uffiċjali eżekuttiva hawn fuq imsemmija* [l-ittra uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta maħruġa mis-soċjetà Intimata fil-konfront tar-Rikorrent] *qed tiġi dawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. C. Mad-daqqa t'għajn digà naraw li l-ammont pretiż [€4,797.47] ivarja ma' dak indikat fl-istatement Dok. A [€4,586.07], u dan mingħajr ma nħarsu lejn l-ammont pretiż fil-Mandat odjern.* Jikkontendi ulterjorment li *l-esponenti ma hux debitur tas-sekwestrant u jekk ma hux debitur qatt ma kellu jiġi intavolat il-Mandat de quo fil-konfront tiegħu. Jiġi mfakkar umilment illi skond l-Artikolu 829 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, mandat kawtelatorju jinħareġ fuq ir-responsabilità ta' min jitolbu, u ai termini ta' l-Artikolu 831(1) is-sekwestrant kellu jindika l-oriġini u n-natura tad-dejn - jekk l-informazzjoni mogħtija mis-sekwestrant ma tkunx korretta, bħal ma ġara f'dan il-każ, allura ma jissussistux il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Liġi biex il-Mandat de quo jibqa' fis-seħħ. Illi bil-prova ta' min is-sekwestrant jirrikonoxxi bħala il-klijent (Dok. A) u kwindi d-debitur tiegħu, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi, ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f) huwa daqstant ċar illi ma hux raġjonevoli li dan il-Mandat, kif intavolat, jibqa' fis-seħħ.*

Il-Qrati nostrali diversi drabi esprimew ruħhom fir-rigward ta' kontestazzjonijiet simili għal dak sollevati mir-Rikorrent fil-proċeduri odjerni u fil-fatt il-Qorti tagħmel referenza partikolari għad-Digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu 2001 fil-proċeduri għar-revoka ta' **Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1246/01 fl-ismijiet L-Avukat Dottor Tonio Fenech nomine et v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri proprio et nomine et** u għad-Digriet ukoll mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu 2015 fil-proċeduri għar-revoka tal-**Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 969/15 fl-ismijiet Avukat John Refalo noe v. Calibre Consultants Limited et, Rik. Nru. 607/15.**

Fid-Digriet mogħti fit-3 ta' Awwissu 2001 fil-proċeduri għar-revoka ta' **Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1246/01 fl-ismijiet L-Avukat Dottor Tonio Fenech nomine et v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri proprio et nomine et**, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, għall-pretensjoni tar-rikorrenti f'dawk il-proċeduri li ma humiex debituri u b'hekk leġittimi kontraditturi tas-sekwestranti, osservat illi *għandu jiġi puntwalizzat li f'dawn il-proċeduri l-kwistjonijiet sollevati, b'mod partikolari dawk il-kwistjonijiet li essenzjalment jappartjenu għall-mertu tal-kontroversja bejn il-partijiet, m'għandhomx jiġu trattati u eżaminati fil-fond. Hawnhekk qegħdin fil-kamp tal-'prima facie' u l-Qorti żgur li m'għandhiex tidħol u teżamina 'funditus' il-meritu tal-kwistjoni. Hawnhekk si tratta ta' att kawtelatorju li jinħareġ sempliċement għaliex l-intimat ikkonferma bil-ġurament li huwa jippretendi li għandu xi drittijiet fil-konfront ta' diversi persuni inklużi r-rikorrenti. Hu ovvju li l-intimat, ladarba ottjena l-ħruġ ta' l-att kawtelatorju in kwistjoni għandu jassumi r-responsabilitajiet kollha u l-konsegwenzi kollha skond il-liġi anke fil-konfront tar-rikorrenti odjerni. F'dawn il-proċeduri huma r-rikorrenti li għandhom jipprovaw 'prima facie' li l-att kawtelatorju in kwistjoni m'għandux jinżamm fis-seħħ u dana a bażi ta' dawk ir-raġunijiet li huma speċifikati fil-liġi u li ġew indikati mir-rikorrenti. In vista tal-premess u fid-dawl tas-sottomissjonijeit kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt tar-rikorrenti in kwistjoni dwar il-leġittimu kontradittur ma tistax tiġi eżaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwistjoni essenzjalment tappartjeni għal meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. L-eżami li għandu isir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx għall-inqas prova li mad-daqqa t'għajn teskludi li hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet.*

F'Digriet mogħti fit-13 ta' Awwissu 2015 fil-proċeduri għar-revoka tal-**Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 969/15 fl-ismijiet Avukat John Refalo noe v. Calibre Consultants Limited et, Rik. Nru. 607/15**, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili osservat illi *l-kwistjoni ta' min għandu jwieġeb għall-pretensjonijiet ta' l-eżekutanti … ma jolqtux is-siwi tal-Mandat bħala tali, imma huma kwistjonijiet li hija biss il-Qorti li jmissja tisma' l-kawża li trid tiddeċidihom wara li jitressqu l-provi u jsiru s-sottomissjonijiet meħtieġa li l-partijiet jidhrilhom li għandhom iġibu 'l quddiem. Illi b'żieda ma' dan, il-fatt li l-eżekutata ma tqisx lilha nnifisha bħala l-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet ta' l-eżekutanti ma jġibx b'daqshekk l-ammont mitlub fil-Mandat huwa wieħed eċċessiv jew mhux mistħoqq mad-daqqa t'għajn. … il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali ta' l-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk walsitx biex 'tillikwida' tali pretensjoni f'somma li*

*taqbel ma' l-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed 'eċċessiv' irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis ta' l-ammont sekwestrat. Illi l-Qorti mhijiex f'qagħda li tgħid minn issa jekk dan huwiex minnu jew le, għaliex, kif ingħad qabel, din hija ħaġa li trid tirriżulta mill-provi quddiem il-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża fil-mertu. … jekk il-quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet ta' l-intimati eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem 'jinżamm' u 'aktar meħtieġ' li jinsabu fl-imsemmi disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*

F'dan il-każ, minn eżami *prima facie* jirriżulta li bħala fatt hemm konnessjoni bejn ir-Rikorrent u s-soċjetà Intimata billi r-Rikorrent stess ammetta u rrikonoxxa li ġie ordnat *catering equipment* mingħand is-soċjetà Intimata[1], indikat fl-istatement esebita bħala Dok. "A", fosthom *fridges,* sabiex dawn jintużaw fil-fond Larry's Bistro fi Strait Street. Ladarba tirriżulta tali konnessjoni u b'hekk konsegwenti pretensjoni tas-soċjetà Intimata, liema pretensjoni ġiet minnha dedotta bl-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 30 ta' Novembru 2020 bin-Numru 2807/2020[2], jekk tali *catering equipment* ġiex ordnat mis-soċjetà Portem Brew & Leisure Ventures Limited, li tagħha r-Rikorrent huwa Direttur, jew inkella mir-Rikorrent f'ismu personali, u b'hekk il-kwistjoni ta' min minnhom huwa l-leġittimu kontradittur tas-soċjetà Intimata, hija kwistjoni li għandha tiġi risolta fil-mertu u mhux fl-istadju *prima facie* li jikkaratterizza u jirregola dawn il-proċeduri.

Is-soċjetà Intimata għandha pretensjoni ta' kreditu u għaddiet biex tiddeduċi l-istess u tikkawtela l-kreditu minnha pretiż, hekk kif lilha konċess u permess mill-Liġi. In kwantu rigwarda l-*quantum* tas-sorte kawtelat jirriżulta li dan ġie dedott fl-ammont ta' €4,737.47 fl-Ittra Uffiċjali appena imsemmija bħala rappreżentanti *bilanċ ta' somma dovuta minnkom bħala prezz ta' 'catering equipment' lilek mibjugħa mis-*

[1] Xhieda mogħtija mir-Rikorrent waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021.
[2] Kopja esebita bħala Dok. "C" flimkien mar-Rikors promotur.

*soċjetà mittenti apparti spejjeż amministrattivi inkorsi mill-istess soċjetà*, u huwa fil-fatt l-ammont ta' €4,737.47 li ġie kawtelat bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1714/2020 ottenut fil-konfront tar-Rikorrent. *Prima facie* għalhekk ma jirriżultax li l-ammont kawtelat huwa eċċessiv; issa jekk effettivament jirriżultax kollu dovut jew inkella le, dik ukoll hija kwistjoni li tiġi trattata fil-mertu u mhux f'dan l-istadju *prima facie*.

Iċ-ċirkostanzi huma tali għalhekk li *prima facie* jiġġustifikaw il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1714/2020 fil-konfront tar-Rikorrent u ma irriżulta l-ebda element previst fiis-subparagrafi (b),(d),(f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Lġijiet ta' Malta li jiġġustifika r-revoka ta' l-imsemmi Mandat u lanqas tressqet prova sodisfaċenti li in segwitu għall-ħruġ ta' l-imsemmi Mandat irriżultat jew inħolqot xi ċirkostanza li tirrendi s-susistenza ta' l-imsemmi Mandat mhux iktar meħtieġa jew mhux ġustifikata ai termini tas-subparagrafu (f) ta' l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li t-talbiet tar-Rikorrent in kwantu immirati għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1714/2020 ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(b)(d)(f) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma humiex ġustifikati u ma jistħoqqx li jiġu milqugħa.

Ir-Rikorrent jitlob ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-Mandat in kwistjoni inħareġ fil-konfront tiegħu b'mod malizzjuz, frivolu u vessatorju u konsegwentement tgħaddi biex timponi penali fuq is-soċjetà Intimata a favur tiegħu, kif previst fl-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disa' u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin: (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi; (b) jekk fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovi sigurtà biżżejjed: Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat; (ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew; (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola u vessatorja.*

Fid-dawl ta' dak kollu già osservat fir-rigward tal-pretensjonijiet u konsegwenti talbiet tar-Rikorrent vis-à-vis ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1714/2020, il-Qorti diffiċilment tista' tgħaddi biex timponi penali fuq is-soċjetà Intimata a favur ir-Rikorrent. Apparte minnhekk, mis-smigħ tar-Rikors irriżulta li bl-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta'

Malta bin-Numru 2807/2020 u bil-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in eżami, is-soċjetà Intimata għaddiet għall-kanonizzazzjoni u konsegwenti salvgwardja ta' kreditu fir-rigward ta' liema ma sar l-ebda tip ta' ħlas fuq medda konsidervoli ta' żmien. Basta wieħed jikkonsidra li l-ewwel fattura pertinenti għall-kreditu tas-soċjetà Intimata iġġib id-data 1 ta' Diċembru 2017 u l-aħħar fattura għall-istess iġġib id-data 15 ta' Frar 2018, b'iktar fatturi li nħarġu bejn dawn iż-żewġ dati, u l-Mandat in kwistjoni ntalab u nħareġ fit-30 ta' Novembru 2020 wara diversi interpellazzjonijiet għal ħlas li ġew għal kollox injorati[3]. F'tali ċirkostanzi l-Qorti assolutament ma tistax tara kif l-aġir tas-soċjetà Intimata jista' b'xi mod jitqies li jikkostitwixxi ġurament falz u/jew li huwa frivolu, vessatorju u malizzjuz, hekk kif pretiż mir-Rikorrent.

Fiċ-ċirkostazni għalhekk il-Qorti tqis li anke t-talba tar-Rikorrent għall-imposizzjoni ta' penali fuq is-soċjetà Intimata ai termini ta' l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jisħoqqx li tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha avvanzati mir-Rikorrent bir-Rikors ippreżentant fil-15 ta' Diċembru 2020.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**Mogħti llum 26 ta' Jannar 2021**

**MAĠISTRAT**

[3] Vide xhieda ta' Mario Cutajar u ta' Mario Duca mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021.